MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 27/8

It-Tnejn 16 ta' Gunju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

027.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

027.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (24(08) 19/5/2020, 25(08) 1/6/2020, 26(08) 1/6/2020)

027.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

027.4 Sejħa għall-Offerti: Bord ta` Evalwazzjoni

***GLC/02/2020 Supply and Lay Paving Material for the Gudja Local Council***

027.5 Gbir ta` Skart Riciklabbli;

027.6 Approvazzjoni tar-*Reply to the Mangement Letter*;

027.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghall-ewwel kwart tas-sena (Jan – Mar 2020);

027.8 Hlasijiet tal-pagi tal-impjegati u allowances tal-kunsilliera bl-internet banking;

027.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

027.10 Rapporti;

027.11 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta’ Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

027.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

027.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filgħaxija (5.40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 027.1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittra ta` apologija.

027.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (24/8 [19/05/20], 25/8 [01/06/20],26/8 [01/06/20])**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-kunsillier S Carauana talab biex isir emenda fuq item no: 24.3.13, fejn jigi klarifikat li huwa kien qal li it-triq ghandha tinfetah ghall-karozzi provati u mhux ghall-trailers u trakkijiet.

Ghal dan il-punt, il-kunsillier MA Sammut talab sabiex jigi mnizzel li anke huwa jabel ma` din il-proposta.

**027.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

027.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Jum il-Gudja ta` din is-sena, fejn proponiet li ssir quddiesa u wara tqeghid tal-fjuri. Is-Sindku ssuggeriet ukoll li ssir harga ghall-Ghawdex matul dik-il-gimgha stess. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

027.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza dwar l-installazzjoni ta` cctv cameras fil-Gudja, fejn infurmat lil dawk prezenti li diga` kienet inbdiet il-procedura biex isiru dawn il-cameras. Is-Sindku proponiet sabiex isir camera fi Gnien Raymond Caruana. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex fi Gnien il-Qari jsiru zewg cameras ohra wahda mall-kapella ta` Bir Miftuh u ohra fl-entratura li tigi minn Dawret il-Gudja.

027.3.3 Dr. Marija Sara Vella tkellmet dwar is-sitwazzjoni tal-kaptelli ta` shelter ta` fejn il-Knisja tal-Lunzjata, x`ser isir jekk ikun hemm xi ilmijiet. Il-Kunsillier S Caruana qal li jekk ikun hemm xi ilmijiet, hawn pompi ghal tal-apposta li jtellu l-ilma. Gie ssuggeriet li l-Kunsill ikellem lill-Public Works f`kaz li jinsab l-ilma u naraw jekk jisghtux ikunu ta` ghajnuna.

027.3.4 Is-Sindku prezentat zewg talbiet sabiex il-Kunsill jirrilaxxa zewg garanziji bankarji ta` xoghlijiet li saru fi Triq Bettina u Triq William Baker. Is-Sindku ssuggeriet li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Perit tal-Kunsill dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

027.3.5 Is-Sindku prezentat talba li saret minghand residenta dwar il-possibilta li ssir cat house gdida fi Triq Bir Miftuh, aktar adekwata ghall-qtates. Dawk prezenti qabbli unanimament li ghandha ssir wahda gdida. Is-Sindku talbet sabiex jingiebu l-kwotazzjonijiet.

027.3.6 Is-Sindku prezentat korrispondenza dwar l-introduzzjoni tal-EPOS machines fil-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li jigi ntodott dan is-servizz.

027.3.7 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jibda jerga` jaccetta l-hlasijiet tal-kontijiet ta` dawl u l-ilma u tqassim tal-boroz. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

027.3.8 Is-Sindku resqet talba li waslet minghand resident biex jigu nstallati arbli ta` dawl godda fi Triq B`Bugia. Dwar dan ma kienx hemm qbil u ghalhekk din it-talba ma gietx milqugha.

027.3.9 Is-Sindku prezentat korrispondenza li ntbghatet mid-Diparitment tal-Gvern Lokali dwar l-allowance li jista` jinghata lill-haddiema tal-iskemi meta jaghmlu uzu mill-vetturi taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament li l-allowance ghandu jinghata skond l-ammont ta` uzu li jsir.

027.3.10 Is-Sindku prezentat Direttiva 3/2020 – Kwestjonarju dwar laqghat tal-Kunsill bis-sistema tal-online. Dawk prezenti qabblu li laqghat online kienu jsiru b`mod tajjeb u bla problemi, fejn kien ikun hemm aktar partecipazzjoni mir-residenti.

027.3.11 Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jiffumiga l-binja tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

027.3.12 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar talba li saret mill-librara biex tinghata l-ghajnuna tal-Kunsill biex isir is-servizz ta` tindif ta` xkaffef qabel ma tiftah il-Librerija. Dwar dan kien hemm qbil li jinghata dan is-servizz bil-prezenza ta` librara.

027.3.13 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar ilment li kien hemm Triq Dun Pietru Farrugia ghax qed ikun xi grieden u jintrema l-iskart fil-bicca art li hemm mhux mibnija. Il-Kunsillier S Carauna ghamel referenza ghal zewg siti ohra bl-istess problema fi Triq William Baker. Is-Sindku talbet li l-Kunsill ghandu jibghat lill-Awtorita tal-Artijiet biex jiccekja jekk l-art hijiex tal-Gvern biex jittiehdu l-passi neccessarji.

027.3.14 Is-Sindku prezentat draft ta` Bye Law dwar il-parkegg fil-Gudja. Is-Sindku ziedet tghid li din gie drafted kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliz minn avukat. Dr. Vella qalet li residenti ser ikollhom sticker li tindika li huma residenti u li jkunu jisghtu jipparkjaw. Lil dawk li jigu jzuru l-qrabat taghhom ikollhom permess temporanju. Il-kumpanija LESA ser ikunu nfurmati dwar dan kollu halli b`hekk ikunu jisghtu jittiehdu l-mizuri kollha. Is-Sindku kompliet tispjega li fuq l-Ewwel Skeda ser ikun hemm mnizzel il-lista ta` toroq u fuq it-Tieni Skeda ser ikun hemm kopja ta` kif ser ikun qed jidher il-permess. Fuq it-Tielet Skeda ser ikun hemm kopja ta` tabelli li ser jitwahhlu. Il-Kunsill approva din id-draft tal-Bye Law unanimament.

## 027.4 Sejħa għall-Offerti: Bord ta` Evalwazzjoni

***GLC/02/2020 Supply and Lay Paving Material for the Gudja Local Council***

027.4.1 Is-Sindku proponiet li l-Bord ta` Evalwazzjoni jkun maghmul mill-istess membri; Is-Sur Crhis Falzon, Is-Sur Michael Debono u Dr. Joseph Sammut. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

027.5 **Gbir ta` Skart Riciklabbli**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ircieva ittra mill-kumpanija Green Pak li servizz li qieghed jinghata mhux ser jitwaqqaf minn naha taghhom. Is-Sindku ziedet tghid li r-Regjun Nofsinhar talab lill-Kunsilli jekk jaqblux li jsir kuntratt wiehed biex is-servizz jinghata ghall-lokalitajiet kollha. Il-Kunsill qabel unaniment li juri l-interess tieghu u li jirrimarka li mhux lest li jidhol f`kuntratt ghalissa sakemm is-servizz jibqa jinghata minn naha l-kumpanija Green Pak.

027.6 **Approvazzjoni tar-*Reply to the Mangement Letter***

Is-Sindku prezentat ir-Reply to the Management Letter ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawk prezenti approvaw din l-ittra.

027.7 **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghall-ewwel kwart tas-sena (Jan – Mar 2020)**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghall-ewwel kwart tas-sena (Jan-Mar 2020). Ir-rapport gie approvat unanimament.

027.8 **Hlasijiet tal-pagi tal-impjegati u allowances tal-kunsilliera bl-internet banking**

Is-Sindku proponiet sabiex il-hlasijiet tal-pagi tal-impjegati u l-allowances tal-Kunsilliera ma jibqghux isiru bi c-cekkijiet imma dirett fil-kont. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsillier iccekja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ikonferma li dan jista` jsir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

027.9 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

027.9.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tinqala` sigra tal-ficus minn Gnien iz-Zghazagh. Is-Sindku talbet sabiex ninkludu dan ix-xoghol mall-iskema tal-Urban Greening.

027.9.2 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-konkos li waqa` fi Triq Hal-Tarxien biex il-Kunsill jara kif jista` jitnehha hekk kif din it-triq m`iliex hafna li saret bl-asphalt.

027.9.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-LESA biex jintbghatu l-eco wardens fit-toroq fejn qed jinhareg skart mhux fil-gurnata jew minn filghaxija. Is-Sindku infurmat lill-

kunsilliera li l-Kunsill kien diga` bghat diversi notifiki fid-djar bhala twissija u tablet ukoll biex ninfurmaw lill-kumpanija LESA biex tghin dwar dan.

027.9.4 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tintbghat il-lista bil-granet ta` meta jsir is-servizz ta` knis fit-toroq u dan ghal fatt li f`certu toroq mhux qed isir is-servizz tal-knis.

027.9.5 Il-Vici Sindku JM Calleja qal li xoghol fl-ewwel bicca ta` triq sar tajjeb mill-kuntrattur tal-IM. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jekk ikun possibli jsir culvert fi Triq iz-Zghozija u Triq tax-Xlejli biex l-ilma tax-xita jibqa` sejjer ghal gol culvert.

027.9.6 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex ninfurmaw lill-IM biex hekk kif qeghdin jaghmlu Triq Hal Ghaxaq, l-Kunsill jitlob biex titwessa l-bankina ma` naha tal-Palazz u jsiru bollards bil-katina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

027.9.7 Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghal linja safra li tnehhiet fi Triq San Mark, faccata ta` garaxx. Is-Sur Sammut qal li dan tnehha minghajr ma` dan gie diskuss fuq il-mejda tal-Kunsill imma ttiehdet azzjoni mis-Sindku wahidha. Il-Kunsillier MA Sammut zied jghid li kull rapport jew ilment ghandu jitressaq fil-Kunsill u tittiehed decizjoni mill-Kunsill kollu. Is-Sindku qalet li dan l-ilment kien sar dirett mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku ziedet tghid li hadet id-decizjoni wara li l-Kunsill iccekja ma` TM biex jara jekk kien hemm permessi ghal dan is-sinjal, fejn dan irrizulta li kien hemm zball fil-mod li gie nterpretat il-permess u ghalhekk il-Kunsill beda jistenna lill-TM biex jiverifika u wara jgharraf il-Kunsill jekk dan is-sinjal ghandhux jerga` jsir. Il-Kunsill gie nfurmat li skond kif inhuma numerati l-bibien illum, faccata tal-bieb tal-garaxx ta` dan is-Sinjur ma kienx hemm permess. Is-Sindku kompliet qalet li meta gie resident u gibbdielna l-attenzjoni li hu kellu permess u tana kopja tieghu, il-Kunsill rega` mar ghand TM li eventwalment waslet biex irrangat il-permess li kellu s-Sinjur ghaliex in-numri ma kienux tajbin, u ordnat li jsir il-linja safra faccata tal-garaxx. Wara din il-konferma minghand it-TM, il-Kunsill ha hsieb li jaghmel dan is-sinjal mill-gdid.

027.10 **Rapporti**

Rapport Finanzjarju ta` kull Kwar (Jan-Mar 2020). Gie diskuss f`item 27.7.

027.11 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-kuntrattur biex jigu nstallati aktar dwal li jindikaw li hemm xi periklu.

c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress

Is-Sindku fakkret lil dawk prezenti dwar laqgha li kienet ser isir nhar il-

Gimgha 18 ta` Gunju 2020 geww Project House dwar ir-rigenerazzjoni tal-Gnien u l-binja tal-Kunsill. Talbet sabiex kulhadd jattendi.

e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

Is-Sindku prezentat ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-avukat tal-WSC sabiex il-Kunsill iwaqqaf lill-kutrattur li qed jaghmel ix-xoghol f`dan il-Gnien milli jkompli juza iz-zewg t`ikmamar li hemm peress li huma propjeta tal-WSC. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li hija ghamlet kuntatt dirett mall-avukat.

027.12 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

l-lista ta' pagamenti nru 13/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta' €18,019.35 u ġiet approvata nem con.

027.13 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 30 ta` Gunju 2020 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta` Gunju 2020

| | |
|---|---|
| Ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |